MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2015

Numru. 925/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**

**VS**

**BEN HAMAD ABDULSALAM**
**(ID Nru. 20548A)**

Kumpilazzjoni Nru.: 925/2012

Illum, 12 ta` Mejju, 2015.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ben Hamad Abdulsalam, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 20548A.

**Akkuzat talli:**

Fl-erbatax (14) ta` Marzu, 2011, u fix-xhur u granet ta` qabel, minn go bitha (*yard*) fi Triq l-Imqabba, Siggiewi, ikkommetta serq ta` vettura tat-tip *high up* tal-ghamla Mercedes u vettura ohra tat-tip trakk tal-ghamla Bedford liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jiskorri l-ammont ta` elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmi tal-ewro (€2,329.37), ghad-detriment ta` Nicholas Caruana.

U aktar talli matul l-istess perjodu ta` zmien saq l-istess vetturi minghajr ma kienu koperti b'polza t'assikurazzjoni ghal terzi persuni.

U aktar talli matul l-istess perjodu ta` zmien saq l-istess vetturi minghajr ma` kienu llicenzjati.

U aktar talli rrenda lilu nnifsu recediv wara li kien gie kkundannat ghal reati b'sentenzi li saru definittivi.

U aktar talli wara li kien ikkundannat ghal diversi delitti, ghamel delitt iehor.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264 (1), 265, 266 (1) (2), 267, 278 (1) (2), 279 (b) u 280 (1) (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta; l-Artikoli 3 (1) (1A) (2) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta kif ukoll l-Artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi dina l-kawza titratta dwar allegat serq ta` *high up* u trakk mill-imputat ghad-detriment ta` certu Nicholas Caruana. Ir-rapport ta` dan is-serq mal-Pulizija sar minn certu Stephen Warley li sab dawn iz-zewg ingenji fil-pussess ta` certu Harbat. Harbat jghid illi dawn l-ingenji kien bieghhomlu l-imputat odjern Ben Hamed Abdulsalam.

Illi l-istess imputat, fl-istqarrija volontarja tieghu mal-Pulizija stqarr fl-ghoxrin (20) t'April, 2011, jammetti dan is-serq ghaliex, skont hu, kellu jiehu xi flus minghand Nicholas Caruana. Huwa, filfatt, ma jammettix illi huwa seraq dawn l-ingenji imma li halliehom ma` dan Harbat sakemm jirranga ma` Nicholas Caruana illi dak iz-zmien kien imsiefer.

Illi xehdu:

1. PS239 Joseph Caruana, Forensiku – Fotografija;

2. Spettur Anthony Casha, *Investigating Officer*;

3. PS1240 Joseph Camilleri li rcieva r-rapport minghand Stephen Worley;

4. PS1312 Hadrian Sultana li assista fl-investigazzjoni;

5. Stephen Worley illi rrapporta l-kaz;

6. Nicholas Caruana, il-proprjetarju tal-ingenji. Ix-xhieda ta` dan ix-xhud kienet sfilzata stante li kien prezenti in-Awla meta Warley xhud kien qieghed jaghti x-xhieda tieghu;

7. John Bonnet, Ta` Harbat, ghand min instabu dawn l-ingenji.

Illi gew prezentati s-sussegwenti dokumenti:

1. Sett ritratti tal-ingenji *de quo*;

2. Okkurrenza;

3. Il-kunsens tal-AG sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

4. Sentenza ta` dina l-Qorti diversament ippreseduta tad-disgha (9) ta` Novembru, 2005, fil-konfront tal-imputat odjern u;

5. Sentenza ohra tat-tmienja u ghoxrin (28) ta` Marzu, 2006, fil-konfront tal-imputat u jservu bhala prova ta` ricediva.

Illi, qabel ma tiddetermina l-htija *o meno* tal-imputat, dina l-Qorti qiedgha taccetta l-eccezzjoni ta` preskrizzjoni sollevata mid-difiza rigward, *vis a*

*vis,* it-tieni akkuza, u dan wara li rat is-sottomissjoni taghha. Il-Prosekuzzjoni naqset milli taghmel nota responsiva.

Illi dina l-Qorti qiedgha ukoll tillibera lill-imputat mit-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu stante illi ma ingabet l-ebda prova li kien l-imputat li saq dawn l-ingenji, vetturi, lejn ta` Harbat.

Illi mill-provi li gew prodotti u anke mill-ammissjoni bikrija fl-stqarrija volontarja tal-istess imputat, jirrizulta li l-imputat kien ippossessa ruhu minn dawn l-ingenji stante li huwa kellu jiehu xi flus minghand Nicholas Caruana li baqa` ma hallsux. Speci ta` *ragion fattasi*. Illi huwa kkonsenja dawn l-ingenji lil John Bonnett imma kif waslu ghandu ma jirrizultax jekk instaqux hemm mill-istess imputat jew jekk gewx trasportati hemmhekk minn xi ingenji ohrajn u zammhom hemm jistenna lil Nicholas Caruana jigi minn barra sabiex jissetilja mieghu. Hawnhekk ghandna xhieda ta` Stephen Warley fejn *nel frattempo*, ghamel rapport Stephen Warley li kien qieghed jiehu hsieb il-*yard* fl-assenza ta` Nicholas Caruana.

Billi x-xhieda ta` Nicholas Caruana giet sfilzata mill-atti tal-process, il-valuri li ta` dana l-istess xhud lill-ingenji li gew misruqa jaqa` fix-xejn u anke, jekk, ghall-grazzja tal-argument, dina x-xhieda ma gietx sfilzata, il-valuri generici ta` dawn l-ingenji li ta x-xhud Nicholas Caruana, ma jistghux jittiehdu bis-serjeta` minn din il-Qorti. Il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova ta` valur ta` dawn l-ingenji u, kwindi, l-aggravju ta` valur ma giex ippruvat. Lanqas ma gie ppruvat l-aggravju tal-mezz ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset ukoll illi ggib din il-prova.

Illi l-ahhar zewg imputazzjonijiet ta` recidiva gew ampjament ippruvati kif jixhdu l-kopji ta` sentenzi precedent fil-konfront tal-imputat.

Rigward il-piena, l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat illi dan ir-reat huwa frott ta` *pretended right*, u wara li rat id-deliberazzjonijiet kollha temmen illi piena karcerarja fil-konfront ta` dan l-imputat m'hijiex wahda necessarja.

Ghaldaqstant, filwaqt li ssibu hati ta` serq semplici, qiedgha tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal zmien tliet (3) snin mil-llum a tenur tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat u tat din is-sentenza anki wara konsiderazzjoni tal-pieni precedent tal-imputat u l-passat tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------